SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

30, Binja Josmar,
Triq Idmejda, Ħal Balzan, BZN 1521, Malta
Tel: +356 22039360
www.csm.edu.mt

# Postijiet għat-tfal fl-Ewwel Sena Kindergarten tal-Knisja

F'Novembru 2024 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2025-2026. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-ewwel sena kindergarten.

**Subien għal-Ewwel Sena Kindergarten**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten subien mainstream huwa ta' erbgħa u disgħin (94) post u erbatax (14) -il post għal każijiet serji. Sabiex naċċetaw l-aħwa subien fl-iskola ta' Theresa Nuzzo saru xi aġġustamenti. Erba'(4) postijiet bniet mainstream inqelbu għas-subien u post (1) każ serju subien ġie mibdul għal mainstream. Fi skola oħra, post (1) każ bis-support għal-bniet inbidel għas- subien każ serju. Mela it-total ta' postijiet vakanti għas-subien fil-kindergartens kollha, mainstream u każijiet serji huwa ta' mija u tlettax (94+14+4+1=113).

Irċevejna disgħa (9) applikazzjonijiet mainstream tal-impjegati u tnejn u sittin (62) applikazzjoni mainstream tal-aħwa. Irċevejna applikazzjoni tal-impjegati bħala każ serju bis-sapport u tlett (3) applikazzjonijiet tal-aħwa bħala Każijiet Serji bis-sapport. Dawn iġibu total ta' ħamsa u sebgħin applikazzjoni (9+62+1+3=75).

Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra". Il-postijiet disponibbli għal każijiet serji jiġu l-ewwel offruti għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

**L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten bniet mainstream huwa ta' ħamsa u disgħin (95) post u tlettax (13) -il post għal każijiet serji. Żewġ (2) postijiet każijiet serji bniet inqalbu għal mainstream bniet u post (1) każ serju bniet inqaleb għal tifel b'każ serju. Erba' (4) postijiet mainstream nbidlu f'mainstream subien. Dawn iġibu total ta' mija u tlett (95+13-2+2-1-4=103) postijiet vakanti, mainstream u każijiet serji għal-bniet fil-kindergartens kollha.

Irċevejna sitt (6) applikazzjonijiet mainstream tal-impjegati u disgħa u erbgħin (49) applikazzjoni tal-aħwa. Dawn iġibu total ta' ħamsa u ħamsin applikazzjoni (6+49=55).

Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti

Oħra”. Il-postijiet disponibbli għal każijiet serji jiġu l-ewwel offruti għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

**Postijiet Każijiet Soċjali għas-Subien u l-Bniet**
Skont ir-regolamenti hemm ħames (5) postijiet għal każijiet soċjali. Bl-aġġustamenti li saru, kif spjegat aktar il-fuq inbidel post (1) għal mainstream. Għalhekk fadal erba'(4) postijiet li jistgħu jintużaw mill-bniet jew mis-subien. Dawn l-erbgħa postijiet huma kkalkulati mat-totali ta' aktar il-fuq. Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet tat-tielet kriterju.

**Postijiet Każijiet tal-Ażil għas-Subien u l-Bniet**
Skont ir-regolamenti hemm żewġ (2) postijiet tal-ażil.L-applikazzjonijiet tal-ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

**Konklużjoni**

Se jintlaqgħu applikazzjonijiet: mainstream, bis-sapport, soċjali u tal-ażil.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul u jkollhom ħuthom li qed japplikaw għall-ewwel sena kindergarten. Jekk xi wħud minn dawn l-aħwa jirreġistraw fi skola, iż-żgħar jkunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom jekk ikun hemm post. Dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt fil-ġranet li ġejjin.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **30 ta' Jannar 2025**

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt